



Brussell, 5 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12012/22

ENER 415

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Miżuri ta' emerġenza possibbli biex jittaffew il-prezzijiet għoljin tal-enerġija - Skambju ta' fehmiet

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness id-dokument ta' sfond tal-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq bil-ħsieb tal-Kunsill Straordinarju Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija tad-9 ta' Settembru 2022.

Miżuri ta' emerġenza possibbli biex jittaffew il-prezzijiet għoljin tal-enerġija

Dokument ta' sfond tal-Previdenza

Introduzzjoni u sfond

Il-prezzijiet tal-enerġija li dejjem jogħlew u l-volatilità estrema kkawżati minn tnaqqis kontinwu fil-provvista mir-Russja inkluża l-interruzzjoni reċenti sħiħa u indefinita tal-operazzjoni tal-pipeline Nord Stream 1 u l-invażjoni mhux provokata tal-Ukrajna kienu qed jiddeterminaw is-swieq, speċjalment dak tal-gass. Il-prezzijiet għoljin tal-enerġija u l-volatilità qed iżidu l-inflazzjoni, u għandhom impatti negattivi ferm fuq in-negozji u l-konsumaturi kollha, inklużi, iżda mhux biss, dawk l-aktar vulnerabbli, foqra fl-enerġija, u dejjem aktar anke l-unitajiet domestiċi b'introjtu medju. Barra minn hekk, il-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-elettriku fl-UE kienet ferm aktar baxxa mis-soltu, b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' enerġija nukleari f'xi Stati Membri, it-tnaqqis tal-ġenerazzjoni tal-enerġija idroelettrika Ewropea, il-livelli baxxi tax-xmara Renu u ta' xmajjar oħra li jaffettwaw it-trasport tal-faħam, u kundizzjonijiet ta' riħ mhux favorevoli, fost fatturi oħrajn. In-nuqqasijiet fil-ġenerazzjoni tal-enerġija minn dawn is-sorsi tal-enerġija qed iżidu d-domanda għall-gass.

F'sitwazzjoni bħal din, huwa kruċjali li jittieħed kont tal-iżviluppi tas-suq u jiġu identifikati miżuri possibbli biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-elettriku li jirriżultaw minn prezzijiet għoljin tal-gass. B'segwitu għas-sett ta' għodod tal-Kummissjoni ta' Ottubru 2021 u abbażi tal-Pjan REPowerEU ppubblikat f'Mejju, l-Istati Membri diġà adottaw diversi miżuri biex jirrimedjaw l-impatti fil-livell nazzjonali, iżda hekk kif is-sitwazzjoni fis-suq qed tmur għall-aġġar, is-sħab soċjali jappellaw għal implimentazzjoni rapida ta' soluzzjonijiet madwar l-UE kollha li jtaffu l-impatti negattivi fuq is-swieq Ewropej. Huwa ċar li l-istaġun tat-tisħin li jmiss ser jittestja r-reżiljenza tas-suq tal-enerġija tal-UE.

Dan l-aħħar, it-tħassib dwar il-likwidità għall-kummerċ fl-elettriku tfaċċa bħala sfida ġdida għas-suq intern tal-UE li qed tpoġġi pressjoni fuq il-pożizzjonijiet tal-hedging tal-atturi tas-suq. It-tibdil ta' kuljum fil-prezzijiet xi kultant irriżulta f'żidiet sinifikanti fir-rekwiżiti tal-marġini għal kuntratti tal-futuri. Dan jagħmilha kważi impossibbli għal għadd dejjem akbar ta' kumpaniji li jżommu l-pożizzjonijiet tal-hedging tagħhom miftuħa, li jwassal għall-irtirar tagħhom mis-swieq tal-futuri. Livelli aktar baxxi ta' parteċipazzjoni fis-swieq tal-futuri jnaqqsu l-likwidità f'dawn is-swieq u, min-naħa tagħhom, jaggravaw il-volatilità tal-prezzijiet f'ċirkwit ta' feedback negattiv.

Sabiex jindirizzaw il-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq, l-Istati Membri introduċew diversi miżuri fil-livell nazzjonali. Biex jiġu indirizzati aktar l-isfidi fil-livell tal-UE, jistgħu jiġu kkunsidrati l-għażliet li ġejjin.

L-għażliet ikkunsidrati

A) Diżakkoppjament/limitazzjoni tal-impatt tal-prezz tal-gass fuq il-prezz tal-elettriku

- Limitazzjoni temporanja tal-prezz tal-gass użat għall-produzzjoni tal-elettriku;
- Limitazzjoni temporanja tal-prezz tal-gass importat minn ġurisdizzjonijiet speċifiċi;
- Esklużjoni temporanja tal-produzzjoni tal-elettriku mill-gass mill-ordni tal-mertu u l-iffissar tal-prezzijiet fis-suq tal-elettriku.

B) Żieda fil-likwidità fis-suq

- Appoġġ immedjat għal-linja ta' kreditu għall-partiċipanti fis-suq li jesperjenzaw appelli għall-marġni għoljin ħafna, inkluż il-każ għal soluzzjoni speċifika fil-livell Ewropew, pereżempju permezz tal-BĊE;
- Tibdil tar-regoli tan-negozjar dwar l-iskambji tal-enerġija, bħall-modifika temporanja tar-rekwiżiti regolatorji tal-kollateral fil-kummerċ tal-elettriku inkluża r-reviżjoni tal-aġġustamenti awtomatiċi tal-limiti massimi tal-prezzijiet;
- Sospensjonijiet temporanji tas-swieq Ewropej tad-derivattivi tal-enerġija; jew li n-negozjar ta' futuri ikun soġġett għal faxex speċifiċi.

C) Miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-elettriku

- Miżuri għat-tnaqqis tad-domanda fis-settur tal-elettriku, pereżempju simili għall-miżuri kkoordinati għat-tnaqqis tad-domanda fis-settur tal-gass kif adottati f'Lulju 2022.

D) Limitazzjoni u użu tad-dħul tal-produtturi tal-elettriku inframarġinali

- Tnaqqis temporanju tad-dħul li jaqilgħu l-ġeneraturi inframarġinali u dan jintuża biex itaffi l-pressjoni tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija fuq il-klijenti, filwaqt li ma jinbidilx il-prezz bl-ingrossa.

E) L-impatt tas-sistema tal-EU ETS

- Il-valutazzjoni tal-għażliet ta' kif isir użu mill-EU ETS fl-indirizzar tal-prezzijiet għoljin tal-elettriku attwali u l-iżgurar li l-Kunsill jagħmel progress rapidu lejn il-ftehim dwar il-kapitoli tar-REPowerEU fil-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), inkluża l-possibbiltà li jintużaw kwoti mir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq.

Il-prinċipji bażiċi li ġejjin tal-politika tal-enerġija tal-UE u l-oġettivi relatati għandhom jiġu osservati fi kwalunkwe intervent futur rilevanti:

- is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku u l-gass fil-livell Ewropew għandha tiġi ppreservata;
- is-suq intern tal-enerġija u l-benefiċċji relatati għandhom jiġu ppreservati;
- il-miżuri m'għandhomx iwasslu għal żieda fil-konsum tal-gass, u lanqas m'għandhom jipperikolaw l-isforzi biex jitnaqqas il-konsum tal-gass fl-Ewropa;
- ir-rispons għandu jkun sempliċi biex jiġi implimentat u kkoordinat madwar l-UE kollha;
- il-miżuri għandhom itaffu l-impatt fuq il-kontijiet tal-enerġija tal-klijenti;
- għandu jkun hemm konsistenza mal-oġettivi u l-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

L-għażliet imsemmija hawn fuq għal miżuri ta' emerġenza huma maħsuba bħala reazzjoni immedjata għas-sitwazzjoni straordinarja attwali. Madankollu, għandna nkomplu niddiskutu aġġornament sistemiku tad-Disinn tas-Suq Intern tal-Enerġija sabiex dan ikun ippreparat aħjar għal kundizzjonijiet tas-suq simili fil-futur. Tali aġġornament irid jiġi kkunsidrat kif xieraq, jibni fuq analiżi u valutazzjoni tal-impatt magħmula bir-reqqa u jqis l-implimentazzjoni progressiva ta' suq tal-enerġija dekarbonizzat futur.

Mistoqsijiet:

- 1. Taqbel li huwa importanti li l-miżuri għall-UE kollha li għandhom jiġu proposti mill-Kummissjoni jiġu adottati fil-waqt għall-istaġun tat-tisħin li jmiss? Jekk iva, liema mill-għażliet deskritti jew alternattivi għandhom jintgħażlu ?*
 - 2. X'tip ta' strumenti speċifiċi tqis xierqa biex tinstab soluzzjoni rapida għall-problemi msemmija hawn fuq?*
-